# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 26.**
**Citazz. Nru. 1866/00 JRM**

**Saviour u Maria konjugi BORG**

**vs**

**Joseph SCALPELLO**

## Il-Qorti,

Dan huwa provvediment dwar Rikors imressaq mill-atturi fl-1 ta' Frar, 2001 [pagni 29 u 30 tal-process] li fih talbu li jithalla jiddahhal fl-atti tal-kawza affidavit ta' binthom Dr. Ruth Borg mahsub biex iseddaq it-talba taghhom (maghmula f'Rikors imressaq fid-29 ta' Novembru 2000 [pagna 21-22]) ghas-sejha fil-kawza ta' Raymond Scalpello;

Ghaz-zewg talbiet tal-atturi, l-imharrek Joseph Scalpello qieghed joggezzjona, ghaliex iqis li dawn it-talbiet huma tentativi biex isalvaw il-kawza li nbdiet kontra tieghu, meta hu ma messu tharrek

qatt ghax m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ilment imressaq mill-atturi fic-Citazzjoni;

Illi dwar it-talba ghas-sejha fil-kawza, din il-Qorti kienet diga' semghet ix-xhieda tal-imharrek, semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u rat l-atti mressqin minnhom dwar dan l-episodju, u, fil-fatt, kienet diga' halliet il-kawza ghal decizjoni dwar dik it-talba;

Illi, ghalhekk, il-Qorti trid tqis jekk ir-Rikors tal-atturi dwar ix-xhieda bl-Affidavit ghandhiex tintlaqa';

Illi l-atturi jemmnu li dak li jinghad fl-affidavit juri li l-imharrek ghandu interess li jkun fil-kawza. Huma jitolbu li l-affidavit jithalla jiddahhal fl-atti tal-kawza fl-ahjar interess tal-gustizzja;

Illi dak li jinghad fl-affidavit [pagna 31] jirreferi ghal zmien qabel ma nfethet il-kawza. Izda l-Qorti tinnota li, minkejja dan, la min qieghed jaghmel l-affidavit u lanqas min jinghad li qal il-kliem imsemmi fih ma ssemma fin-Nota tax-Xhieda tal-atturi;

Illi sa dan il-waqt tal-kawza, l-atturi ma ressqu l-ebda xhud, u lanqas ghamlu kontro-esami tal-imharrek li xehed waqt is-smigh tat-22 ta' Novembru, 2000 [pagni 19 sa 20];

Illi, min-naha tieghu, l-imharrek jitlob li l-imsemmi affidavit m'ghandux jithalla fl-atti tal-kawza ghax huwa rapport ta' dak li nghad bejn terzi persuni u mhux fil-presenza tal-imharrek;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-Ligi tal-Procedura tfisser kif u meta tista' titressaq ix-xhieda bil-mezz tal-affidavit, fost l-ohrajn, fl-artikoli 160, 173(2), 202(2)©, 202(3)©, 202(4)(b)(c) u 622A;

Illi x-xhieda bl-affidavit mhix mehlusa milli tkun thares ir-regoli ewlenin stabiliti mil-ligi dwar il-provi: ghalhekk, trid tkun rilevanti [art. 558], maghmula mill-ahjar prova [art. 559] u trid tkun diretta [art. 598(1)];

Illi fil-kaz presenti, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ghadhom kemm saru, il-Qorti ssib li x– xhieda mressqa bl-affidavit mar-rikors tal-atturi tal-1 ta' Frar, 2201, ma tistax tigi milqugha, u dan principalment ghaliex (a) min ghamel l-affidavit ma hix persuna dikjarata mill-atturi bhala xhud [art. 156(7)]; (b) li l-fatt imsemmi fir-rikors kien maghruf lill-atturi minn qabel ma ressqu l-kawza; (c) li min jinghad li qal il-kliem imsemmi fir-rikors huwa identifikabbli u seta' tressaq bhala xhud mill-atturi direttament; (d) li, fih innifsu, l-kliem li jinghad li sar minn iben l-imharrek, mhux talli mhux prova posittiva u diretta, imma lanqas ma jikkommetti 'l hadd; u (e) l-istess xhieda tressqet irritwalment;

Ghaldaqstant, **it-talba tal-atturi rikorrenti qeghda tigi michuda**, u l-Qorti tordna t-tnehhija mill-atti tal-kawza tal-att li jinsab f'pagni 31 u 32 tal-process, u tordna li l-kawza tissokta bit-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Lulju, 2001.**